**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Daniel Ablett

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 11.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 11.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Daniel Ablett kien jinsab indispost.

## 11.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 09 u Nru 10

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 09 u 10 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

### 11.3.1 Emendi fil-minuti

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni li fil-minuti 10.5.7 hemm l-aħħar kelma fl-aħħar paragrafu "ħaddieħor" li hija miktuba żejda.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ġibdet l-attenzjoni li fil-minuti 10.2 irid jiżdied li kien hemm ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Daniel Ablett u tal-Kunsillier Doris Zammit li ma kienux preżenti waqt laqgħa numru 10.

## 11.4 Skeda ta' Ħlasijiet

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Diċembru 2024.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li fil-lista tal-pagamenti tiżdied kolonna fejn ikun indikat min liema fond tali pagamenti se jkunu qedin jitħallsu.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2024 u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Diċembru 2024.

## 11.5 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 11.5.1 Rikostruzzjoni ta' Triq San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara diversi talbiet mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lill-Infrastruttura Malta biex il-kunsill jingħata data meta se jibda dan il-proġett tant mistenni, ġejna infurmati li ix-xogħlijiet skedati li jibdew fil-25 ta' Frar 2025.

Il-membri talbu sabiex issir laqgħa mal-Perit tal-Proġett.

### 11.5.2 Triq il-Knisja Arċipretali u Triq Dun Joe Camilleri

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kumitat għat-tismija tat-Toroq infurmana li it-talba tal-Kunsill sabiex parti minn Triq San Bartolomeo bejn il-Knisja il-qadima u Triq San Edwardu tissemma Triq il-Knisja Arċipretali u bejn Triq San Edwardu u Triq Mdina tissemma Triq Dun Joe Camilleri. Fil-ġranet li ġejjin iz-zewg toroq ser jiġu ippublikati fil-gazzetta tal-Gvern.

### 11.5.3 Talba għal Timed Reserved Parking Bay fi Triq Guze Duca

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-Kunsill rċieva korrispondenza minn Transport Malta rigward talba għal Timed Reserved Parking Bay quddiem Mediatrix Clinic fi Triq Guze Duca.

Minn investigazzjoni li saret internament ġie innutat li din l-istess klinika għadhom kemm talbu u ġew approvati minn Transport Malta double yellow lines fil-ġnub tal-garaxx li għandhom biswit il-klinika u Un/Loading Bay faċċata tal-klinika.

Il-membri ma qablux li il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu lil Transport Malta sabiex isir Timed Reserved Parking Bay quddiem din il-klinika minħabba li se jitnaqqas parkeġġ ieħor tar-residenti u fl-istess akwata hemm nuqqas serju ta' parkeġġ.

### 11.5.4 Kjarifika mill-Għaqda Armar San Sebastjan re Bollards

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara li fis-seduta li għaddiet ġew approvati 16 il-bollard, il-Kunsill talab lil Għaqda Armar kjarifika ta' fejn se jitpoġġew dawn il-bollards.

L-għaqda infurmat illi is-16 il-bollard ser isiru fit-triq jew fil-parkings kif spejgat hawn taħt:

- 2 – in-naħa ta' Pinto tal-Pastizzi (Trofej)
- 4 - parking quddiem il-Knisja (x2 Pedestalli)
- 2 – in-naħa tal-Elmo (Trofej)
- 2 – fil-parking tad-disabled bejn il-Maypole il-gdid u tal-haxix (Trofej)
- 6 – in-naħa ta' Fidi u Jeff's (Trofej / Gastra / Trofej)

Minbarra dawn is-sittax, l-Għaqda Armar qed jitolbu 4 oħra extra għaż-żewg pedestalli li qedin fuq il-bankina ta' quddiem il-Knisja, l-aktar minħabba dak il-wieħed faċċata tal-Maypole il-ġdid, għax peress fil-ġimgħa tal-festa it-trasport pubbliku ħa jinżel minn Triq il-Vitorja biex iduru għal Triq San Bartolomew eżatt ħa jgħaddu miegħu.

Il-membri qablu li il-Kunsill japprova dawn l-4 bollards oħra, suġġett li il-Perit tal-Kunsill tapprova li fejn ser isiru ma tiġix ostakolata tal-linja.

### 11.5.5 Speed Camera Assessment fi Triq il-Wied

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara li Transport Malta infurmat lill Kunsill li Triq il-Wied ma hiex eliġibbli għall-speed cameras, l-istess Transport Malta bagħtulna lista ta' Traffic Calming Measures.

Dawn huma:

- Tiġi ikkrejata traffic island.
- Iż-zebra crossing eżistenti kantuniera ma Trejqa tal-Għajn tal-Ħajja issir raised zebra crossing
- Jitwaħħlu tabelli ta' speed limit
- Titwaħħal tabella li ġejja kisra (bend warning sign)
- Isiru thermoplatics lane markings.

Is-Sindku jissuġġerixxi li il-Kunsill jibda iwettaq uħud minn dawn il-miżuri għalissa jiġu imwettqa dawn:

- Jitwaħħlu tabelli ta' speed limit
- Titwaħħal tabella li ġejja kisra (bend warning sign)
- Isiru thermoplatics lane markings.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li il-kunsill jitlob raġuni valida għaliex din l-ispeed camera ma ġietx aċċettata.

## 11.6 Ħwejjeġ Oħra

### 11.6.1 Follow Up Meeting mas-Supretendent Antoine Cilia

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** nforma li hu flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu fl-uffiċċju tal-kunsill lokali mas-Supretendent u mal-Ispettur Roderick Agius nhar it-18 ta' Dicembru 2024.

Il-Punti li ħarġu minn din il-laqgħa kienu:

a) Community Police – is-Supretendent informa li hemm uffiċjal wieħed li qiegħed jiġi imħarreġ sabiex ikun uffiċjal tal-komunità fil-lokalita ta' Ħal Qormi .

b) Storbju mill-Gianpula – Skont is-Supretendent l-Għassa qatt ma daħlilhom tali rapport

c) Muturi u Karozzi itellqu fl-Imriehel Bypass, Central Link u Triq Mdina li jinstemgħu minn Ħal Qormi – is-Supretendent informa li qatt ma inġibditlu l-attenzjoni fuq dawn u xi drabi vetturi jagħmlu storbju biss iżda ma jkunux qed itellgħu speed.

d) Kiosk Triq il-Wied – skond is-Supretendent il-kiosk għandu il-permess tat-Trade u qed jistenna risposta mill-Malta Tourism Authority.

e) Triq San Bastjan fejn Relax u Triq il-Kbira fejn iċ-ċaċċu issues ta' ipparkjar ħażin – l-ispettur Agius issuġġerixxa li infurzar irid isir mill-LESA u mill-uffiċċjali ta' Transport Malta għaliex il-pulizija qed joħorġu fuq każijiet aktar serji.

f) Misraħ iż-Żebbuġ tħażżiż mal-ġnien – Is-Supretendent informa li it-tfal ma jistgħux jitressqu il-Qorti u issuġġerixxa li isiru kampanji edukattiva mal-iskejjel.

g) Monti – Is-Supretendent issuġġerixxa li il-posti tal-monti jerġgħu jiġu miżbugħa u il-Kunsill kull sena jiġbor ir-rassenja u jippublika il-lista fuq il-gazzetta tal-Gvern, Skont il-Ligi 441.03.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li niktbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u lill-Ministru Byron Camilleri u nistaqsuh meta se jibdew il-Pulizija tal-Komunità u kemm ser ikollna Pulizija tal-Komunità Ħal Qormi .

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa li nibgħatu komunikat lid-Dipartment tal-Gvern Lokali fuq l-ammont ta' ħaddiema u kif qed jiġu mqassma il-ħaddiema tal-Community Workers Scheme.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** informa lill-membri li Transport Malta għandhom numru tal-emerġenza li huwa 80073399.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet li niċċekkjaw mal-Ministeru jekk hemmx uffiċċjali tal-infurzar tad-Dipartiment tat-Trade.

Saret diskussjoni fuq il-monti u ġie deċiż li isir sotto kumitat kompost mis-Sindku Dr Josef Masini, il-Viċi Sindku Xandru Mallia u il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis, Elke Cassar Sghendo u Alessio De Carlo.

### 11.6.2 Zebra Crossing fi Triq id-Deheb Fin viċin Gnien Tumas Fenech

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-kunsill Lokali kellu diversi talbiet għall-zebra crossing fi Triq id-Deheb Fin viċin Ġnien Tumas Fenech.

Il-Membri qablu sabiex jinbeda il-proċess biex tintbagħat l-applikazzjoni għal-approvazzjoni ta' tali zebra crossing.

### 11.6.3 Rampa quddiem Blokk 6 Triq id-Deheb Fin

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** nforma li saritlu talba urġenti għal-rampa quddiem Blokk 6 Triq id-Deheb Fin. Il-Viċi Sindku nforma li il-bankina quddiem dan il-blokk ma hiex aċċessibbli għal-persuni b'diżabilità u għaldaqstant qed tkun diffiċli biex residenti joħorġu b'wheelchair jew saħansitra bi stretcher. Il-Viċi Sindku qed jitlob sabiex din il-bankina titbaxxa quddiem l-entratura tal-blokk u il-parkeġġ ta' quddiem ir-rampa isir hashed lines sabiex ma jipparkjawx vetturi fuqu.

Il-membri kollha preżenti qablu ma din it-talba.

### 11.6.4 Taraġ bejn Triq il-Wied u Triq Gorg Mifsud Chircop

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li wara diversi talbiet mir-residenti ta' Triq Gorg Mifsud Chircop, saret talba lil Perit tal-Kunsill u il-Perit tal-Kunsill ipprepara sketch ta' kif u fejn jista' isir taraġ sabiex jintuża mir-residenti ta' Triq Gorg Mifsud Chircop.

Il-membri kollha preżenti qablu sabiex il-Kunsill jipproċedi mal-awtoritajiet sabiex jinħareġ permess biex isir dan it-taraġ.

### 11.6.5 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Vitorja – Claudia Schembri

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €150 li sofra sewwieq fi Triq il-Vitorja.

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li skont l-email mibgħuta mis-Sinjura Schembri il-ħsara fit-tyre ġiet sofferta fl-14 ta' Novembru 2024, minħabba li kien hemm ġebla li inqalet mil-kurduna tal-bankina u kienet f'nofs tat-triq. Iżda skont ir-rapport tal-Pulizija "*il-kwerelant stqarret li kienet belgħat ħofra b'konsegwenza li faqat tyre ta' wara*".

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill ma approvax li sid il-vettura tingħata kumpens minħabba li fit-triq ma kien hemm l-ebda ħofra dakinhar iżda kien hemm biss kurduna maqlugħa. Il-verżjoni tas-Sinjura u ir-rapport tal-Pulizija ma jaqblux.

## 11.6.6 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Vitorja – Antoine Borg

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €163 li ċertu Antoine Borg sofra fi Triq il-Vitorja fi 18 ta' Diċembru 2024.

Is-Sur Borg fir-rapport tal-Pulizija stqarr li "*kien qed isuq fi Triq il-Vitorja u laqat ġebla tal-bankina fejn hemm l-oil sump tal-vettura, Antoine Borg baqa' isuq sa Hal Luqa sakemm induna li inqalatlu l-oil sump.*"

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li skont ir-rapport tal-pulizija li sar fi 30 ta' Diċembru 2024 (aktar minn 10 t'ijiem minn meta sofra il-ħsara) hemm indikat li il-ħsara ġiet sofferta nhar it-18 ta' Diċembru fil-11.30 ta' filgħaxija, filwaqt li l-irċevuti provduti huma datati 18 ta' Diċembru fil-8.55 ta' filgħodu.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens, iżda hija tal-fehma li jekk il-ħsara ġiet sofferta minħabba li laqat l-oil sump mal-kurduna, il-Kunsill ma għandux tort għal tali ħsara, apparti li l-irċevuti jindikaw li inħarrġu qabel ma sofra il-ħsara.

Il-kunsill ma approvax li sid il-vettura jingħata kumpens minħabba li l-irċevuta ma tikkorrispondix mal-ħin tal-inċident.

## 11.6.7 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta – Maria Grazia Grech

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €135 li ċertu Maria Grazia Grech sofriet fi Triq il-Belt Valletta.

*Ms Grech fir-rapport tal-Pulizija stqarret li "fl-20 ta' Dicembru 2024 għal ħinijiet ta' 18.00 – 18.30 waqt li kienet għaddejja bil-vettura tagħha min Triq il-Belt Valletta kien hemm ħofra fit-triq fejn b'konsegwenza ta' hekk faqgħet it-tyre"*

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li skont ir-rapport tal-pulizija li sar fi 26 ta' Diċembru 2024 hemm indikat li il-ħsara ġiet sofferta nhar l-20 ta' Diċembru bejn is-6.00 u is-6.30 ta' filgħaxija, filwaqt li l-irċevuta provduta hija datata 20 ta' Diċembru fi 12.09 (wara nofsinhar).

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens, iżda hija tal-opinjoni li jekk il-ħsara ġiet sofferta wara li inxtara it-tyre kif indikat fir-rapport u il-kopja tal-irċevuta, il-Kunsill ma għandux jaċċetta tali talba għal-kumpens.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li tintalab kjarifika mingħand is-Sinjura Grech u tiġi deċiża f'seduta oħra.

## 11.6.8 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Ħammieri – Gabriel Paul Borg

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €135 li Gabriel Paul Borg sofra fi Triq il-Ħammieri nhar l-10 ta' Dicembru 2024 fi Triq il-Ħammieri. Din it-talba għall-ħlas waslet illum 7 ta' Jannar 2025, bl-idejn (by hand)

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat lill-membri li tali talba ma tistax tiġi milqugħa minħabba li ma ġietx preżentata lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem mid-data tal-inċident. Is-Sur Borg kien infurmat b'dan.

## 11.6.9 Tenders – Perit u Bulky Refuse

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li it-tender tas-servizz tal-arkitett (Perit) u dak tal-Ġbir tal-Iskart Goff (Bulky Refuse) se jiskadu fi ftit xhur. Għaldaqstant qed jinforma lil membri li se jiskatta il-proċess biex formalment jinħargu dawn it-tenders fis-sistema online.

## 11.6.10 Xiri ta' Fingerprint Time Recorder Punch Clock

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-Kunsill qed jinħass il-bżonn li jinxtara Punch Clock. Min ftit riċerka li saret online l-orħos li sibna huwa mingħand id-Digital Zone għal prezz ta' €225 u jista jintuża sa massimu ta' 200 impjegat.

Il-membri qablu li jinxtara Punch Clock.

11.6.11 **Triq Dun Rene Cilia**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq Triq Dun Rene Cilia.

Is-Sinjura Cassar Sghendo qed tipproponi li:

- Isiru kaxxi tal-parkeġġ għaliex il-vetturi li qed jipparkjaw bl-addoċċ.
- Tiġi iċċekkjata il-bankina quddiem il-blokka ġdida sabiex naraw hemmx bankina aċċessibbli għal min juża siġġu tar-roti jew pushchair.

11.6.12 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** irringrazzjat lill Transport Malta talli assistew fl-avveniment taż-żjara ta' lis-slaten Maġi. Ġew milqugħa miż-żewġt parroċċi u tajjeb li din terġa issir għal milied ta din is-sena forsi b'iktar involviment. Eżempju li ssir quddiesa animata bit-tfal.

11.6.13 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li kien hemm qattus fil-Pjazza tat-Tribuna li qalgħa tir. Is-Sinjura Sghendo irringrazzjat lis-Sur Sebastian Saliba u lill-Ackerley Pace li intervjenew immedjatament sabiex dan il-qattus jiġi salvat.

11.6.14 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex tinħareġ espressjoni ta' nteress fuq Facebook għas-Sotto kumitati.

11.6.15 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex issir talba lill-Malta Public Transport dwar il-possibbiltà li tal-linja numru 64 tidħol sal-Wied, issa li il-popolazzjoni fuq tal-Blat żdiedet.

11.6.16 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li rat xi ħaddiema jaqilgħu ħajt li kien qed idawwar in-niċċa ta' Santu Kruc u talbet l-assistenza tas-Supretendenza sabiex tiġi iċċekkjata inniċċa u tassigura li tiġi priservata.

11.6.17 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat li hemm ħawt vojt fuq tal-Blat u interessata li tħawwel siġra tar-rummien u tieħu ħsiebha hi.

11.6.18 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li talbet lill-ERA rendikont taċ-ċitazzjonijiet li inħarġu fis-sena 2024. Is-Sinjura Cassar Sghendo semmiet ukoll li mal-

ERA tkellmet ukoll fuq l-ilmenti ta' Snowhite Laundry. Is-Sinjura Cassar Sghendo saħħqet li ir-residenti jistħoqqilhom aħjar.

11.6.19 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex issir lista bil-pjanijiet ta' proġetti li diġà ġew approvati, anke minn Kunsill preċedenti u għadhom ma twettqux.

11.6.20 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex issir communal blue box fi Pjazza Mons PP Psaila kantuniera ma Triq Fontanier.

11.6.21 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet fiex waslet it-talba sabiex jiġu l-istudenti tal-MCAST biex jagħmlu restawr tan-niċeċ.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjura Borg Lewis li għadhom ma bagħtux risposta.

11.6.22 **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex min ikun se jorganizza xi attività jinforma lilha sabiex tieħu nota fil-kalendarju annwali li ħejjiet hi.

11.6.23 **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-membri li bdiet bit-tħejjijiet għas-serata Premju INT, li din is-sena ser issir fil-Palazz tal-President.

11.6.24 **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-membri li tkellmet mas-segretarja tal-Palazz sabiex torganizza ħarġa u quddiesa fil-Palazz. Il-Membri issuġġerew li din il-ħarġa issir il-Ħadd filgħodu u jiġu mistiedna il-membri tal-Għaqdiet Qriema.

11.6.25 **Il-Kunsillier Doris Zammit** irringrazzjat lis-Sindku Dr Josef Masini Vento li mar magħha fil-ħarġa li organizzat għal Għawdex. Is-Sinjura Zammit qalet li ir-residenti li attendew ħadu ħafna gost Għawdex.

11.6.26 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa dwar l-arblu ta' fejn il-Maypole fi Triq San Bartolomew. Is-Sur Puli ġie infurmat li kif jitneħħa l-arblu se jitkompla il-madum li hemm nieqes.

11.6.27 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa dwar l-accountants tal-Kunsill u kif dawn għandhom jinvolvu ruħhom aktar. Is-Sur Puli semma li ċerta informazzjoni li il-Kunsill ma għandux ma tistax tissolva mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, għaliex hi ma għandiex tali informazzjoni. Is-

Sur Puli staqsa jekk hemmx xi mod li dawn l-accountants jinvovlu ruħhom aktar u jagħtu tali informazzjoni.

11.6.28 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet il-Fond tal-GAL Xlokk fejn issuġġeriet li tibgħat dak kollu li il-Kunsill għandu bħala dokumenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjura Borg Lewis li il-Kunsill bagħat kollox li kellu jgħaddi lill GAL Xlokk. Ma ntbagħtetx biss il-fattura tal-ħlas li sar doppju għaliex il-Kunsill qatt ma rċieva tali fattura.

11.6.29 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex il-Kunsill jerġa jieħu deċiżjoni fuq il-ħsara tad-dawl li hemm maċ-ċinta tal-Knisja iż-żgħira ta' San Bastjan.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento informa lis-Sinjura Cassar Sghendo li il-ħsara tissewwa meta il-Kunsill ikollu il-fondi.

11.6.30 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** fakkar sabiex tintbagħat il-formola mitluba minn GAL Xlokk

11.6.31 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa fhiex waslu l-accounts u saħaq li jekk hemm bżonn jitqabbad xi ħadd min barra biex jgħin hu fl-accounts.

11.6.32 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** talab sabiex jitneħħa bank li ma għadux jintuża fi Triq il-Wied viċin Triq l-Għajn tal-Ħajja, minħabba li qiegħed ta' inkonvenjent għal sid ta' garaxx faċċata tiegħu.

Il-membri qablu li dan il-bank jitneħħa.

11.6.33 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** ġibed l-attenzjoni tal-membri fuq it-tabella li twaħħlet fejn il-Mużew tas-Subien fi Triq Santa Katerina minħabba li tindika li it-triq tkun magħluqa għall-sagħtejn sħaħ. Is-Sur Abela qed jissuġġerixxi li it-triq tkun one way fil-ħin tad-dħul u tal-ħruġ mill-mużew biss.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li żewġ kunsilliera imorru ikellmu lis-Superjur dwar din it-tabella u wara qbil mas-Superjur terġa tinbidel it-tabella.

**11.6.34** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li kellha invit min naħa tal-Portugal fuq skambji imħallsa mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sinjura Cassar Sghendo infurmat illi jekk dawn li skambji iseħħu, il-Kunsill Lokali ikun mitlub biss iħallas l-ispejjeż tat-trasport tal-viżitaturi meta huma jiġu Malta.

**11.7** **Riżoluzzjoni Nru 06 (IX Legislatura)**

**Bdil tad-Direzzjoni ta' Triq il-Barrakki**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ressqet riżoluzzjoni sabiex il-membri tal-Kunsill jerġgħu jikkunsidraw li Triq il-Barrakki issir one way bil-kontra u cioe kif kienet oriġinarjament.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ippropona li Triq il-Barrakki terġa issir kif kienet minħabba li f'diversi okkażjonijiet u għal tul ta' ħin sostanzjali ma hemmx rotta alternattiva biex vetturi imorru fiċ-ċentru ta' San Gorg. Dan bil-kundizzjoni u bit-tabelli imwaħħla li vetturi kbar ma jgħaddux min din it-triq.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ma taqbilx li issir kif kienet u it-triq għandha tiġi one way bil-ħinijiet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 06

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur tmin kunsilliera – Is-Sindku Josef Masini Vento, il-Vici Sindku Xandru Mallia, il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo, Ralph Puli, Alessio Decarlo, Nicholai Falzon, Marvin Zammit u Jurgen Abela.

Ivvutaw kontra il-Kunsillier Fiona Borg Lewis u Doris Zammit.

Ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 06 (IX) ġiet approvata.

**11.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***13 ta' Marzu 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |